

Dinja Waħda

Ħej ħbieb! Jiena Bella l-Ballottra u llum ħa nkellimkom ftit fuq **Foresta 2000** id-dar tiegħi.



Hawn hi Foresta 2000. Hawnhekk jikbru ħafna siġar, u ħafna minnhom għadhom żgħar għax din foresta ġdida.






F'Malta m'hawnx foresti kbar. Darba l-BirdLife qalu "Tridx inkabbru foresta ġdida ħalli n-natura jkollha fejn tgħix!"

**U hekk għamlu.**






Ħarsu lejn mappa ta' Malta. L-aħjar post biex ikabbru foresta kien fuq għolja ħdejn il-**Mellieħa**. Il-post huwa kbir u sabiħ u qiegħed ħdejn ir-riserva naturali tal-Għadira. Issa kellhom bżonn il-flus biex jixtru l-affarijiet.



L-ewwel xtraw ħafna qsari biex fihom ikabbru s-siġar.
Hawnhekk ritratt ta' tfal qed jagħtu l-qsari lir-ranger.






Ġabru ż-żerriegħa
mis-siġar ...





... u żergħuhom
fil-qsari.



Fil-mixtla
l-pjanti bdew
jikbru. Issa
kellhom bżonn
xi ħadd biex
jieħu ħsiebhom.
Kellhom bżonn
**forest ranger**.





Ir-ranger ikollu
ħafna x'jagħmel.
**Jiżra' ż-żerriegħa,**







Ir-ranger ikollu
ħafna x'jagħmel.
**Jiżra' ż-żerriegħa,**
**iħawwel is-siġar,**




Ir-ranger ikollu
ħafna x'jagħmel.
**Jiżra' ż-żerriegħa,
iħawwel is-siġar,
isaqqi s-siġar,**



Ir-ranger ikollu
ħafna x'jagħmel.
**Jiżra' ż-żerriegħa,
iħawwel is-siġar,
isaqqi s-siġar,
ineħħi xi ħaxix,**







Ir-ranger ikollu
ħafna x'jagħmel.
**Jiżra' ż-żerriegħa,**
**iħawwel is-siġar,**
**isaqqi s-siġar,**
**ineħħi xi ħaxix,**
u elf ħaġ'oħra.










Hawnhekk qed jibnu **ħajt tas-sejjieħ** fil-Foresta 2000. Id-dar tiegħi qiegħda f'ħajt tas-sejjieħ. Komda ħafna.







Illum
fil-Foresta
2000 hemm
jikbru
**24,000**
siġra. Ilkoll
għadhom
żgħar u lkoll
b'saħħithom.






Biex tkabbar foresta mhux ħaġa rħisa. Għalhekk għandna bżonn li n-nies jiġbru flus għal Foresta 2000.



Foresta 2000 għandha ħafna ħbieb. Żewġ ħbieb kbar huma **Din l-Art Ħelwa** u **PARK**, li jgħinu lill-BirdLife tiegħu ħsieb is-siġar.





Ħafna skejjel huma ħbieb ta' Foresta 2000. **Intom ukoll** ħbieb ta' Foresta 2000? Tistgħu intom ukoll tadottaw siġra ?





Ħafna annimali u pjanti jgħixu fil-Foresta 2000. Aħna kuntenti hemmhekk għax hija darna.

**Grazzi ħafna** ħbieb talli tajtuna post fejn ngħixu.






Ritratti
BirdLife Malta
Guido Bonett
Desirée Falzon
Victor Falzon
Suzanne Maas
Joe Sultana
Tpinġija
Victor Falzon
Idea u produzzjoni
Desirée Falzon

© BirdLife Malta 2014

BirdLife

MALTA

© BirdLife Malta